MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 130/2003

***Western Company Limited***

***vs***

***Manuel Azzopardi***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta’ Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u tmienja u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1188.20) rappresentanti l-hlas ta’ ghoxrin kambjala fl-ammont ta’ Lm59.41 kull wahda pagabbli kull xahar fuq medda ta’ diversi xhur, kull wahda timmatura fit-30 ta’ kull xahar bejn Novembru 1999 u Dicembru 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju u bl-imghax mid-data tal-maturita’ tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, ammetta t-talba attrici seduta stante fit-28 ta’ Frar 2003.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-kambjali esibiti u mmarkati bhala Dokument MA1 sa MA20.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u tmienja u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1188.20), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------